**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Illum, is-27 ta' Gunju 2022

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Ellul**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Mario Ellul**, ta' 69 sena, detentur tal-karta tal-identita' 0634249M imwieled iz-Zurrieq, nhar it-22 ta' Lulju 1949, iben Gejtan u Antonia xebba Zahra u residenti fil-fond bin-numru 22, 'Golden Eagle', Triq il-Kbira, Kirkop, senjatament akkuzat talli nhar it-22 t'Awwissu 2019 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (18:00) u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Ma applikax lill-Awtorita' Amministrattiva bl-miktub fuq formoli disponibbli min l-Awtorita' sabiex jimporta ezemplari u dan bi ksur ta' regolament 5 tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);
2. Ma zammx fil-pussess tieghu u ghaz-zmien kollu li ezemplari li l-importazzoni taghhom taqa' taht ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora, kienu fil-pussess tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li kellhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dawk l-ezemplari u dan bi ksur ta' regolament 7 tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);
3. Naqas milli jzomm fl-pussess tieghu xi permess, certifikat jew licenzja skont d-disposizzjonijiet tar-regolament 7 tar-regolamenti tal-2004 dwar il-

Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora u dan bi ksur ta' regolament 8(1) (p) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);

4. Importa fil-Komunita' ezemplari, minghajr il-permessi jew cerrifikati necessarji jew b'xi certifikat falz, iffalsifikat jew invalid, jew permess jew certifikat li jkun gie mibdul minghajr l-awtorizazzjoni ta' l-Awtorita li tkun hargitu u hekk bi ksur ta' regolament 8(1)(a) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);
5. Dahhal ezemplari, fit-territorju tal-Komunita' minghajr il-permessi jew cerrifikati necessarji mahruga skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament Principali (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 338/97 dwar il-Harsien ta' speci ta' fawna u flora selvaggi billi jigi regolat il-kummerc taghhom) u hekk bi ksur ta' regolament 8(1) (i) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);
6. Akkwist ghal skop kummercjali jew uza ghal gwadann kummercjali xi ezemplari bi ksur ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament Principali (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 338/97 dwar il-Harsien ta' speci ta' fawna u flora selvaggi billi jigi regolat il-kummerc taghhom) u dan bi ksur ta' regolament 8 (1)(j) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);
7. Naqas milli japplika bil-miktub ghand l-Awtorita' Amministrativa skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 5 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora u hekk bi ksur ta' regolament 8(1) (n) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);
8. Importa jew kellu fili-pussess tieghu xi ezemplari ta' xi speci bi ksur tad-disposizzjonijiet tar-regolament 6 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora u hekk bi ksur ta' regolemnt 8(1)(o) tal-A.L. 236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38);
9. Naqas milli jzomm fil-pussess tieghu xi permess, certifikat jew licenzja skont il-povvedimenti tar-regolament 7 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora u dan bi ksur ta' regolament 8(1) (p) tal-A.L. 236 hekk kif emendat (L.S. 549.38);
10. Ipposseda xi ezemplari ta' speci elenkati fl-Iskedi V(a) u cioe' Lifgha Elaphe situla meta ma kellux permess mahrug minn qabel mill-Awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' regolemnt 25(1) (a) tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjent Naturali (A.L. 311 tal-2006 hekk kif emendat: L.S. 549.44).
11. Kellu fil-pussess tieghu xi speci jew parti jew derivativi ta' dawk l-ispeci li jidhru fl-Iskeda u cioe Lifgha Elaphe situla, u dan bi ksur ta' regolament 5(2)

tar-regolamenti dwar il-Harsien ta' Rettili tal-(A.L. 79 tal-1992 hekk kif emendat; L.S. 549.02);

12. Kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tieghu jew zamm kampjuni ta' ghasafar, kemm hajjin jew mejtin, jew parti li tista' tintgharaf jew derivattivi taghhom (whud minnhom mnizzla fi Skeda 1) li mhux inkluzi fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III u meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati mal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi, jew il-predecessur taghha sal-31 ta' Mejju, 2003, u minghajr ma kien fil-pussess tal-permessi, jew certifikati ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi, jew il-predecessur taghha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi ghaz-zamma ta' dawk l-ghasafar skond id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 21; jew ikunu gew impurtati legalment skond id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 6 (1) (a); jew gew mehuda jew akkwistati legalment fi Stat Membru; jew imrobbija fil-maghluq, u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1) (e) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat; L.S. 549.42);
13. Importa kampjuni ta' ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew kull parti jew derivattiva taghhom minghajr awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli ghall-protezzjoni ta' dak il-kampjun fil-pajjiz tal-origini u dan bi ksur ta' Regolament 6 (1) (a) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat; L.S. 549.42);
14. Importa jew esporta kampjuni ta' ghasafar li m'humiex tat-territorju Ewropew kemm hajjin jew mejtin, jew kull parti jew derivattiva taghhom, minghajr awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli ghall-protezzjoni ta' dak il-kampjun fil-pajjiz tal-origini u dan bi ksur ta' Regolament 6 (1) (b) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat; L.S. 549.42);
15. Kien fil-pussess ta' kwalunkwe kampjun t'ghasafar jew ta' ghasafar li m'humiex tat-territorju Ewropew, kemm hajjin jew mejtin, jew partijiet minn kampjuni, (whud mnizzla fi Skeda I), minghajr ma zamm fil-pussess tieghu u ghal kull zmien li dam fil-pussess tal-kampjuni, il-permessi, certifikati u kull dokument iehor li jipprovaw, ghas-sodifazzjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi, li dak il-kampjun ma giex akkwistat kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti u dan bi ksur ta' Regolament 6 (3) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42);
16. Ibbalzma jew immonta xi ghasafar jew ghasafar li mhux tat-territorju Ewropew jew ghamilha ta' balzmatur jew b'xi mod iehor ipprocessa ghall-

finijiet ta' preservazzjoni kull ghasfur jew ghasfur li mhux tat-territorju Ewropew ghal skopijiet kummercjali minghajr ma kien fil-pussess ta' licenzja mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 21 (1) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat; L.S. 549.42);

17. Immonta jew ibbalzma jew b'xi mod iehor ipprocessa ghall-finijiet tal-prezervazzjoni jew tal-ibbalzmar, ghasafar (uhud minnhom mnizzla fi Skeda I) meta ma kienux inkluzi fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III; jew ma kienux importati legalment jew mehuda fi Stat Membru fejn kienu gew ikkaccjat jew mehuda jew gew b'xi mod iehor akkwistati b'mod legali; jew ma kienux ghasafar imrobbijin fil-maghluq jew ghandhom curkett maghluq, u dan bi ksur tar-Regolament 21 (2) (a) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat; L.S. 549.42);

18. Immonta jew ibbalzma jew b'xi mod iehor ipprocessa ghall-finijiet tal-prezervazzjoni jew tal-ibbalzmar, ghasafar li mhux tat-territorju Ewropew li ma kienux gew importat skond id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 6 (1) (b) jew ma kienux ghasafar imrobbijin fil-maghluq u dan bi ksur ta' Regolament 21 (2) (b) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat; L.S. 549.42);

19. Zamm ghasafar li mhux tat-territorju Ewropew ghall-ibbalzmar jew sabiex jigi pprocessat ghall-finijiet ta' prezervazzjoni jew tal-ibbalzmar minghajr ma zamm registru u li fih kellu jindika b'mod car, flimkien mad-data tad-dhul ta' kull kampjun, l-isem ta' sid il-kampjun, l-indirizz tieghu u n-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni validu u wkoll l-ispeci tal-kampjun, liema dettalji kellhom jigu kkonfermati bil-firma tas-sid stess tal-kampjun u dan bi ksur ta' Regolament 21 (3) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat; L.S. 549.42);

20. Zamm fil-pussess tieghu ghal fini ta' bbalzmar jew biex b'xi mod iehor jipprocessa ghall-finijiet tal-preservazzjoni jew tal-ibbalzmar, ghasafar ibbalzmati ta' speci li mhux inkluzi fl-Iskedi II jew III (whud minnhom imnizzla fi Skeda I), jew ghasafar li mhux tat-territorju Ewropew meta ma zammx fil-pussess tieghu, u ghal dak iz-zmien li baqa' fil-pussess tal-kampjun, il-licenzji, permessi u certifikati kollha u kull dokument iehor li jista' jipprova ghas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamenti ghall-Ghasafar Selvaggi li dawk il-kampjuni ma gewx miksuba kontra d-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u meta dawk il-kampjuni ma kienux gew iddikjarati mal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi, jew il-predecessur taghha, sal-31 ta' Mejju, 2003, u dik il-persuna nghatat il-

permessi jew certifikati ta' registrazzjoni mit-Taqsima tar-Regolamenti ghall-Ghasafar Selvaggi ghaz-zamma ta' dawk l-ghasafar skond id-dispozizzjonijiet ta' dan ir-regolament; jew ma kienux gew importati legalment jew mehuda fi Stat Membru fejn il-kacca jew tehid taghhom saret skond il-ligi jew kienu gew b'xi mod iehor akkwistati b'mod legali skond id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u skond il-ligijiet ta' dal-Istat Membru; jew ma kienux gew imrobbija fil-maghluq, u dan bi ksur tar-Regolament 21 (5) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat; L.S. 549.42);

21. Importa jew dahhal, jew kellu x'jaqsam f'illi jigu mportati jew imdahhlin, f'Malta, oggetti li taghhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni taghhom hija limitata, u cioe', oggetti li jaqghu taht it-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S. 117.14) taht l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; ezemplari ristretti bis-sahha tar-Regolamenti dwar Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora; tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, tar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' Rettili; u tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, b'kontravvenzjoni ta' dik il-projbizzjoni jew limitazzjoni, sew jekk dawn l-oggetti kienu zbarkati kemm le, u dan bi ksur tal-Artikolu 62 (a) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);

22. Xjentement laqa' ghandu, zamm, jew heba, jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqughha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, u cioe', oggetti li jaqghu taht it-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S. 117.14) taht l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; ezemplari ristretti bis-sahha tar-Regolamenti dwar Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora; tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; tar-regolamenti dwar il-Harsien ta' Rettili; u tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, jew li ma hallsux dazju u dan bi ksur ta' Artikolu 62 (f) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);

23. Xjentement gie fil-pussess ta' oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, u cioe', oggetti li jaqghu taht it-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S. 117.14) taht l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; ezemplari ristretti bis-sahha tar-Regolamenti dwar Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora; tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjent Naturali; tar-Regolamenti

dwar il-Harsien ta' Rettili; u tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u dan bi ksur ta' Artikolu 62 (g) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);

24. Xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' dawn l-oggetti, u cioe', oggetti li jaqghu taht it-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Importazzjoni (L.S. 117.14) taht l-intestatura tal-HS 05.05; 05.11; 67.01 u 97.05; ezemplari ristretti bis-sahha tar-Regolamenti dwar Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora; tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora; Fawna u Ambjenti Naturali; tar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' Rettili; u tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, jew , filli b'xi mod iddispona minn dawn l-oggetti, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jithallas fuqhom, jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oggetti jew li jkun jghodd ghalihom, u dan bi ksur ta' Artikolu 62 (h) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);
25. Xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam, filli bil-qerq jinharab jew jigi ttentat li jinharab xi dazju tad-dwana, jew xi ligi jew limitazzjoni tad-dwana, dwar l-importazzjoni, l-hatt, t-trasbord, l-izbark u l-kunsinna ta' oggetti, jew xi dispozizzjoni ohra tal-Ordinanza tad-Dwana, u dan bi ksur ta' Artikolu 62 (i) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);
26. Hajjar, ghen jew assista l-eghmil ta' reati taht Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana u dan bi ksur ta' Artikolu 62 (k) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija fil-konfront tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora (L.S. 549.38) barra milli timponi l-piena taht Regolament 8 (2), tordna l-konfiska tal-corpus delicti u l-iskwalifika miz-zamma jew il-ksib ta' xi warrant, licenzja, permess, jew awtorita' ghal zmien mhux anqas minn sena dan bis-sahha ta' Regolament 8 (4) tal-istess Regolamenti.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija fil-konfront tar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' Rettili (L.S. 549.02) timpani l-piena that Regolament 9 (2);

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li barra li taghti l-piena that ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tat-tieni, it-tielet, it-tminn, id-disgha, l-ghaxar, il-hdax, it-tnax, l-erbatax, il-hmistax, it-tmintax, id-dsatax, l-ghoxrin, it-tnejn u ghoxrin u t-tlieta u ghoxrin, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li l-qua imputat nghata zmien sabiex jirrikunsidra l-istess;

Rat id-dokumenti esebieti inkluz id-digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021;

Semghet ix-xhieda, inkluz ix-xhieda ta' Gilbert Haber in rapprezentanza tal-Environmental Resources Authority (ERA);

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel, ir-raba', l-hames, is-sitt, is-seba', it-tlettax, is-sittax, is-sbatax, il-wiehed u ghoxrin, l-erbgha u ghoxrin, l-hamsa u ghoxrin u s-sittax u ghoxrin imputazzjoni. Konsegwentament dina l-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija imputazzjonijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni ta' l-imputat, l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, salv dawk irtirati mill-prosekuzzjoni kif ukoll l-addebitu tar-recidiva, gew ampjament pruvati fit-termini tal-ligi;

Illi fir-rigward tas-sebgha u ghoxrin imputazzjoni li tirrigwarda r-recidiva, l-prosekuzzjoni pprezentat il-fedina penali tal-imputat, madanakollu ma gietx ipprezentata vera kopja tas-sentenza li permezz taghha sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u lanqas ma giet ipprezentata prova li dik is-sentenza hija *ormai res judicata* u li l-piena assocjata mal-istess giet skontata. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat minn dina l-imputazzjoni.

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti qeghda tqis in-natura u c-cirkostanzi tar-reati li taghhom qed jinstab hati, l-fedina penali tal-imputat, l-kooperazzjoni tieghu mal-awtoritajiet anke fi stadju tal-investigazzjoni u l-fatt li rregistra ammissjoni qabel ma l-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi taghha. Il-Qorti qieset ukoll dak li jistipula l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali.

**Decide:**

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 7; 8(1)(o) u (p) tal-Avviz Legali 236 tas-sena 2004 (Ligi Sussidjarja 549.38); ir-regolament 25(1)(a) tal-Avviz Legali 311 tas-sena 2006; ir-regolament 5(2) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 1992; ir-regolamenti 4(1)(e), 6(1)(a), (b), 6(3), 21(2)(b), 21(3), 21(5) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006; l-artikoli 62(f) u (g) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed tillibera lill-qua imputat mis-sebgha u ghoxrin imputazzjoni filwaqt li fuq ammissjoni qed issib lill-istess imputat, Mario Ellul, hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu (salv dawk irtirati mill-prosekuzzjoni) u konsegwentament qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' sitt t'elef Ewro (Eur. 6,000)** li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Ewro (Eur. 200) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tar-regolamenti tas-sena 2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora (L.S. 549.38) il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-corpus delicti inkluz l-ispeci kollha esebieti formalment permess ta' Dok. GH.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Din il-Qorti qed tordna ukoll is-sospenzjoni tal-licenzja tal-ibbalzmar ghal perjodu ta' sentejn millum u tipprojbixxi lill-imputat mill jakkwista licenzja/awtorizazzjoni t'importazzjoni ghall-perjodu ta' sena millum.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Registratur**